**KUNSILL LOKALI ĦAŻ-ŻEBBUĠ**

**AĠENDA NUMRU 47 – 26 ta' April 2018**

***Minuti tat-47 laqgħa tal-Kunsill tat-Tmien Legislatura tal-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ, Città Rohan, li saret nhar il-Hamis 26 ta' April, 2018 fil-6:00pm.***

Il-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug iltaqa' fl-ufficcju amministrattiv tiegħu fi Triq Frans Sammut fis-6:30pm ta' filgħaxija sabiex issir Agenda Numru 47. Il-laqgha bdiet fil-6:40 pm.

| | | |
|---|---|---|
| **Prezenti:** | **Sarah Agius** | Sindku |
| | **Alfred Grixti** | Viċi-Sindku |
| | **Roderick Aquilina** | Kunsillier |
| | **Christopher Bongailas** | Kunsillier |
| | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **Kevin Glynn** | Kunsillier |
| | **Clive Azzopardi** | Kunsillier |
| | **Vernalise Scicluna** | Kunsillier |
| **Assenti b'Apologija:** | **Philip Said** | Kunsillier |
| | **George Cortis** | Kunsillier |
| **Assenti :** | **Ħadd** | |
| **Pubbliku:** | **Mr. Robert S. Tabone** | Works' Co-ordinator |
| | **Mr. Paul Bugeja** | Accountant |

**Uffiċċjal prezenti:** **Paula M. Valletta** Segretarju Ezekuttiv

**47.1 Qari tal-Ittri tal-Apologiji**

Is-Sindku Sarah Agius nfurmat lill-Kunsill li l-Kunsillier George Cortis u Philip Said ma setghux ikunu prezenti ghal din il-laqgha.

**47.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li l-minuti ta' laqgha nru 46 jigu approvati. Hija giet sekondata mill-Kunsillier Clive Azzopardi. Il-Kunsillier Roderick Aquilina astjena. Kien hemm qbil mill-kumplament tal-Kunsilliera li l-minuti jigu approvati.

Wara gew imressqa l-minuti ta' laqgha nru 45. Is-Sindku Sarah Agius pproponiet li minuti jigu approvati kif imressqa. Hija giet sekondata mill-Vici Sindku Alfred Grixti. Il-Kunsillier Clive Azzopardi astjena. Kien hemm qbil unanminu mill-kumplament tal-Kunsill. Il-minuti gew approvati.

**47.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

47.3.1 Is-Sindku Sarah Agius saqsiet lill-Vici Sindku Alfred Grixti jekk kienx ghamel kuntatt mal-kuntrattur Taljan dwar il-madum ta' Vjal il-Helsien. Il-Vici Sindku qal li ser jaghmel kuntatt mal-kuntrattur.

47.3.2 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li Transport Malta ser jaghtu wicc gdid lil Triq Karlu Gimach, Triq Filippu Grech, Triq l-Insig, Triq l-Iskalora kif ukoll Triq tar-Remel.

47.3.3 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li harget skema mid-Dipartiment sabiex isiru applikazzjonijiet ghall-fondi sabiex isiru korsijiet edukattivi. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill japplika ghall-korsijiet relatati mat-teknologija.

47.3.4 Is-Sindku Sarah Agius qalet li kienet tinsab imhassba dwar l-attivita li ser tittella sabiex jigu mfakkra dawk kollha li kkontribwixxew sabiex issir l-istatwa ta' Santa Marija. Dan ghaliex hi thoss li jkun ahjar jekk l-irhama li titwahhal ikollha messagg generali u ma jissemma' hadd specifikament. Madanakollu wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li la l-attivita mhijiex imtella mill-Kunsill, izda mill-Kunsillier George Cortis li mhux qed jorganizza l-attivita f'isem il-Kunsill izda f'ismu, il-Kunsill m'ghandu jaghmel l-ebda suggerimenti.

47.3.5 Sar qbil li z-zbir tas-sigar fi Triq Sciortino isir mill-kuntrattur Rita Xuereb ghall-valur ta Eur3,200 inkluz il-Vat. Il-Kunsillier Roderick Aquilina astjena mill-vot. Gie maqbul li x-xoghlijiet isiru bejn l-4pm u l-10pm.

47.3.6 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li tkellmet mal-artist li ghamel il-blata bil-poezija ta' Dun Karm 'Wied Qirda'. Dan min-naha tieghu kien qal li meta kien qed jaghmel dan il-mafkar lanqas kien inghata c-cans jaghmel il-qatran b'konsegwenza li l-kliem tqaxxar. Sabiex jitranga dan kollu l-ispiza ser titla ghal Eur4450. Il-Kunsill qabel unanimament li l-ispiza hija gholja hafna meta wiehed jikkonsidra li m'hemm l-ebda valur storiku. Ghalhekk gie maqbul li l-Kunsill isib alternattiva.

47.3.7 Sadanittant is-Sindku semmiet li waqt il-laqgha li kellha mal-artist Lawrence Attard, dan qal li kien jinsab daqsxejn imhasseb minhabba li fil-garaxx tieghu ghandu 'ruh' li qabel kienet fil-vicinanzi tac-cimiterju ta' Sant Andrija. Din ir-'ruh' inghatat lilu minn xi kunsill precedenti u intesiet.

Sabiex din tkun tista tigi restawrata l-ispiza hija ta Eur2100. Il-Kunsill qabel unanimament li minhabba li din hi proprjeta tal-Knisja, il-Kunsill m'ghandux jidhol ghal din l-ispiza. Pero ghandu jigi nfurmat l-Arcipriet li din l-istatwa tinsab ghand id-Sur Attard.

Il-Kunsill qabel unanimament li meta jerga jkun hemm l-iskema tar-Restawr, wara li jintalab il-permess minghand il-Knisja, jintalab li jsir ir-restawr tac-cimiterju tal-pesta u tkun nkluza ukoll ir-'ruh'.

47.3.8 Kien hemm unanimu sabiex jigu ordnati zewg bnadar bl-emblema ta' Haz-Zebbug.

47.3.9 Is-Sindku Sarah Agius qalet li giet avvicinata minn Breeds of Origin li ghandhom binja fi Triq is-Sewda u li hu perikoluz biex tasal ghaliha minhabba li hemm mas-70 metru mit-triq minghajr ilqugh. Hemm zewg alternattivi; jew li jinbena cint jew inkella crash barriers. Gie maqbul li tintalab ghajnuna lill-Gvern Centrali minhabba li l-ispejjez huma gholjin.

47.3.10 Gie maqbul li t-tower crane li gie mitlub li jintrama fi Triq Hal Dwin kantuniera ma' Triq Luigi Funtana, jinghata permess li jarma.

47.3.11 Is-Sindku Sarah Agius gabet ghall-attenzjoni talba sabiex jintrama tower crane bejn Triq Santa Marija u Triq Mikielang Sapiano ezattament wara l-istatwa ta' Santa Marija, sabiex tkun tista tinbena binja biswit. Il-kuntrattur prezenta pjanta ta' kif qed jipproponi li jintrama l-krejn fit-triq. Fl-opinjoni tal-Kunsill dan it-tower crane ser ikun perikoluz. Ghalhekk kien hemm qbil unanimu li t-tower crane jithalla jarma biss jekk jintrama fuq il-hamrija (billi issir bazi tal-konkoz) wara Santa Marija. Il-Vici Sindku Alfred Grixti qal li ghandu jintalab Eur15 ghal kull gurnata, u ghandu jintalab depozitu ta Eur2,000. Is-Sur Grixti talab ukoll li l-kuntrattur jipprezenta *Method Statement* kif ukoll *Safety Management Plan.* Il-kuntrattur ghandu jigu mitlub ukoll li jipprotegi l-bus shelter li hemm u li jinholoq bus shelter fil-vicinanzi sabiex it-tfal ikunu jistghu xorta jistkennu.

47.3.12 Is-Sindku Sarah Agius qalet li giet mitluba minn sid il-Mattress Collection sabiex isiru sinjali sabiex ma jsirx parkegg b'tali mod li jostakola l-entratura tal-istores taghhom li

jinsabu lejn Triq tal-Hlas. Is-Sindku qalet li ser tkellm lis-Sur Silvio Scerri minhabba li kien qed jiehu hsieb iz-zona.

47.3.13 Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li zviluppatur fi Vjal il-Helsien li bena blokka u ghandu l-arblu f'nofs il-bokka tal-garaxx, qed jitlob li dan l-arblu jiccaqlaq. Is-Segretarju Ezekuttiv fakkret kif meta d-dar originali kienet qieghda titwaqqa u individwu li kien jaghmel il-permess ghall-vetturi, certu Hank Catania, kien saqsa x'jista jaghmel biex jitressaq arblu. Dan kien fil-prezenza kemm tas-Segretarju u anke tal-Works' Manager. Is-Segretarju nfurmatu li l-kunsill kien diga ddiskuta u qabel li ma jitmexxa l-ebda arblu tad-dawl. Pero s-Segretarju talbet lis-Sur Catania sabiex xorta jaghmel talba formali lill-Kunsill. Dan kien madwar sentejn ilu. Minn dakinhar l'hawn il-Kunsill qatt ma rcieva l-ebda talba la bil-miktub u lanqas verbalment dwar dan l-arblu. Fil-laqgha sussegwenti s-Segretarju nfurmat lill-Kunsill b'din l-informazzjoni. Il-Vici-Sindku Alfred Grixti ikkonferma li jiftakar perfettament li s-Segretarju kienet ghaddiet din l-informazzjoni.

Is-Sindku qalet li giet avvicinata mis-Sur Mifsud, li l-permess tal-Planning Authority jghajjat lilu, li qed jghid li huwa s-sid ta' din il-blokka u li qatt ma gie kkomunikat xejn mieghu.

Il-Vici Sindku Alfred Grixti qal l-arbli saru b'certu simetrija fi Vjal il-Helsien sabiex jakkomodaw lid-djar li kienu hemm fiz-zmien tal-progett. Barra minn hekk taht il-bankina hemm blokka konkrit enormi sabiex isservi ta' bazi ghall-arbli li hi mpossibli li ticcaqlaq. Apparti minnhekk, l-arbli saru qabel l-izviluppi li qeghdin isiru bhalissa u ghalhekk l-izviluppatur ghandu jehodha in konsiderazzjoni meta jkun qed jippjana.

Il-Kunsill rega sostna li l-ebda arblu tal-bozoz m'ghandu jiccaqaqlaq ghall-ebda raguni. Jekk ma kienx hemm komunikazzjoni bejn is-Sur Catania u s-Sur Mifsud, mhux tort tal-Kunsill. Il-Kunsill unanimament kien qed jaqbel li jibqa konsistenti fid-decizjoni tieghu. Il-Vici Sindku Alfred Grixti qal li ghandu jsir avviz fil-gazzetti fejn jinghata dan it-taghrif.

47.3.14 Is-Segretarju infurmat lill-Kunsill li resident fi Triq Frans Sammut li kellu l-karozza pparkjata quddiem il-Kunsill sab marki taz-zebgha mal-vettura tieghu. Fl-istess jum il-haddiema tal-Kunsill kienu halltu xi zebgha tat-toroq. Huwa gabilna zewg stimi sabiex tigi polixjata il-karozza. Il-Kunsill qabel li dan ir-ragel ma kellu htija ta xejn u ghalhekk kellu jigi kkumpensat. Ghalhekk gie maqbul li jinghata l-ammont tal-irhas offerta filwaqt li tigi mgharrfa l-kumpanija li thaddem lil dawn il-haddiema b'dan l-agir.

47.3.15 Sar qbil unanimu li jitwehhel No Heavy Vehicles Sign fi Triq Campis u fi Triq de Rohan. Sar qbil ukoll li ghal darb'ohra l-Kunsill jerga jitkellem ma TM dwar it-traffiku fiz-zona.

**<u>47.4 Rapport dwar Tender Resurfacing Rural Roads taht Measure 4.3</u>**

Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat lill-Kunsill li ghal dan it-tender kienet intefghet offerta wahda biss li tammonta ghal Eur685,918.75 minn Dimbros Ltd. Skont il-BOQ tal-Perit dawn it-tlett toroq kellhom jiswew Eur275,000. Ghaldaqstant l-offerta teccedi l-ammont b'mod konsiderevoli.

Is-Segretarju infurmat lill-Kunsill li l-ammont approvat mill-ARPA li hi l-agenzija responsabbli minn dawn il-progetti rurali huwa ta Eur275,000.

Kien hemm qbil unanimu li dan it-tender jaqa u jerga jinhareg iehor. Kemm il-Vici-Sindku Alfred Grixti u anke l-Kunsillier Roderick Aquilina qalu li huma qed jaqblu li jaqa t-tender diment li ma jistax isir negozjar fil-prezz. Is-Segretarju irrispondiet li d-Dipartiment tal-Kuntratti qal li hemm varjanza daqshekk fil-prezz ma taghmilx sens li jsir negozjar.

**<u>47.5 Bieb de Rohan</u>**

Is-Sindku Sarah Agius infurmat lill-Kunsill li issa ufficjalment Bieb de Rohan gie devolut lill-Kunsill Lokali ta' Haz-Zebbug. Gie maqbul li issir applikazzjoni mal-Planning

Authority ghall-embellishment tal-madwar kif ukoll li jigu nkluzi tlett arbli tal-bnadar biswit il-Bieb.

**47.6 Festa 2018**

Il-Kunsillier Vernalise Scicluna qalet li hi ma taqbilx mal-hoarding li jsir mill-Kazin 12th May. Sadanittant il-Kunsill qabel li ghandhom jigu msejha kemm il-President u anke s-Segretarju taz-zewg kazini tal-festa ta' San Filep sabiex dawn jaghmlu l-proposti li ghandhom kollha sa dik il-laqgha.

**47.7 Approvazzjoni tal-Audited Financial Statements**

Wara diskussjoni bi spjegazzjoni mill-Accountant Paul Bugeja, kien hemm qbil unanimu li l-Audited Financial Statements ghas-sena 2017 jigu approvati.

**47.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Wara li saret diskussjoni s-Sindku resqet l-iskeda tal-pagamenti ghall-approvazzjoni. Hija giet sekondata mill-Vici-Sindku Alfred Grixti. Il-Kunsillier Bongailas astjena mill-vot lil Mario Cachia. Kien hemm qbil unanimu ghall-kumplament tal-vot tal-flus.

**47.9 Twegibiet Ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

Ma kien hemm l-ebda mistoqsija mill-Kunsilliera.

**47.10 Tmiem tal-Laqgha u Data tas-Seduta li jmiss**

Il-laqgha giet aggornata ghal-10 ta' Mejju 2018 fis- 6:00pm. Din il-laqgha spiccat fit-8:55pm.

| | |
|---|---|
| **Sarah Agius** | **Paula M. Valletta** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |